Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 33**
**Data:** Il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Kav. Paul Farrugia – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**33.1 Ittri ta' apoloġiji**

33.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, Kav. Paul Farrugia u s-Sur Anthony Chircop talbu li jkunu skużati.

33.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva unanimament li li jitniżżlu bħala skużati.

**33.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 32**

33.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

33.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**33.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 33**

33.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clifford Galea Vella u s-Sur Stephen Sultana, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 t' Awwissu 2024 2024 u s-27 ta' Settembru 2024 li kienet tammonta għal €78,582.42.

**33.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 32**

| | |
|---|---|
| **33.4.1 INDIS** | Il-President semma li l-ftehim mal-okkupant tal-fabbrika sabiex jiġu emendati l-pjanti u jkun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt. |
| **33.4.2 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kemm il-Union kif ukoll iul-management resqu s-sottomissjonijiet tagħhom. Semma li għadhom għaddejjin il-laqgħa kemm mal-Union kif ukoll internamnet. |
| **33.4.3 ALL Digital Summit** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tattendi għas-Summit ġewwa Madrid u li waqt l-istess Summit kienet ser tkun qed tarma information booth dwar l-Assoċjazzjoni. Il-President semma li ftit minuti qabel il-laqgħa tal-Eżekuttiv kien hemm konferma li l-proposta tal-Assoċjazzjoni ġiet milqgħuha u li s-Summit 2025 ser issir ġewwa Malta. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **33.4.4 Laqgħa mal-Wasteserv** | Il-President semma li kien hemm direzzjoni li r-Reġjuni ma jħalsux l-invoices tar-rejects maħruġa mill-Wasteserv. Dan peress li r-Reġjuni m' għandhomx l-infurzar f' idejhom u għaldaqstant ma jistgħux jinżammu responsabbli għal l-abbużi li qed ikun hemm. |

**33.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **33.5.1 Laqgħa Plenarja 2024** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza Local Councils Expo nhar 22 uu 23 ta' Novembru. Semma li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet u anki qed jaħdmu fuq il-loġistika. |
| **33.5.2 English for Business – Taħriġ** | Il-President semma li ser ikunu qed jinfetħu cohors li għalihom hemm ukoll ir-Reġjun Tramuntana li ser jorganizza cohort anki huwa sabiex min hu intressat ikun jista' jattendi taħriġ fl-Ingliż kif jintuża fil-qasam kummerċjali. |
| **33.5.3 Taħriġ fuq Word Press** | Il-President semma li ser ikunu qed jinfetħu cohorts ta' taħriġ akkreditat fuq kif wieħed jagħmel aġġornamenti fuq websites. Semma li dan il-bżonn inħass wara li ħafna mill-Kunsilli mhumiex qed jaġġornaw il-websites tagħhom b' dokumenti pubbliċi bħalma huma l-accounts, l-aġenda u l-minuti. Semma li għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ser tati sessjonijiet akkreditat fuq kif ieħed jagħmel dawn l-aġġornamenti. |
| **33.5.4 Postijiet Vakanti Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-andament tax-xogħol speċjalment xogħol relatat ma' proġetti Ewropej qed iġib miegħu ħafna impenn kif ukoll uħud mis-salarji tal-ħaddiema qed ikunu rkuprati minn proġetti. Għaldaqsatnt, il-President talab li l-Assoċjazzjoni terġa' toħroġ il-post vakant fi skala 7 kif ukoll postijiet vakanti oħra li tara li hemm bżonn jew li faċli jimtlew. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Charles Bonello, l-Eżekuttiv approva dak propost. |
| **35.5.5 OHSA** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal seminar organizzat mill-OHSA. Semma wkoll li ntalab sabiex jikkollabora mal-OHSA fuq taħriġ li ser issir lill-Kunsilli Lokali. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| 35.5.6 | Is- Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skużat fis-17:43 |
| **35.5.6 Laqgħa tas-sindki** | Is-Sur Max Zammit semma li forsi jkun għaqli jekk tisejjaħ l-ewwel Laqgħa tas-Sindki. Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika d-data aktra 'l quddiem. Semma li war al-Laqgħa idealment isegwi teambuilding bejn is-Sindki. |
| **35.5.7 Fooball Tournament** | Is-Sur Max Zammit issuġerixxa li jsir football tournament bejn il-Kunsilli. Il-President semma li ftit tal-granet ilu kien irċieva proposta simili minn żewġ Kunsilliera sabiex norganizzaw football tournament fi żmien il-Milied. Għaldaqstant, issuġerixxa li jsejjaħ laqgħa magħhom u mas-Sur Zammit sabiex jibdew jaħdmu fuqu. |
| **35.5.8 Taħriġ Diviżjoni għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li kien intalab li jagħti sessjoni ta' taħriġ fuq l-irwol tal-Assoċjazzjoni waqt taħriġ lis-Segretraji Eżekuttiv. Semma li minħabba impennji ta' safar huw ama jistax ikun preżenti u ser jiddelega lis-Sur John Mallia sabiex jippreżenta din is-sessjoni. Semma li s-Sur Mallia jaħdem fil-qrib mal-Assoċjazzjoni fuq diversi proġetti u għaldaqstant kapaċi jwassal il-messaġġ tal-Assoċjazzjoni.<br>Semma wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni ser tkun impossibbli li tattendi dan it-taħriġ minħabba d-diversi impennji u anki proġetti li l-Assoċjazzjoni trid tlesti sal-aħħar tas-sena. |
| **35.5.9 Kuntratt mal-RPOs** | Is-Sur Sandro Azzopardi semma li bħal donnu waqfet il-komunikazzjoni kollha ta' fejn wasal il-kuntratt tal-RPOs sabiex ikun jista' jiġi ffirmat u r-Reġjuni jibdew jiġbru flushom lura. |
| **35.5.10 Bus Shelters** | Is-Sur Sandro Azzopardi staqsa lill-President minħabba talba għal xi Bus Shelters. Il-President spjega li hemm l-ewwel 100 Bus Shelter li huma lesta biex jiġu installati. |
| **35.5.11 Pitch for Public Private Partnership** | Il-President qassam kopja lill-Eżekuttiv ta'dokument bit-titlu Pitch for Public Private Partnership u li l-intenzjoni hija li jinġib għall-attenzzjoni tal-Gvern Ċentrali. |
| **35.5.12 Attivitajiet tal-Milied** | Il-President semma li sa issa kine ġew iffissati d-data tal-Gala Night li ser tinżamm nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru kif ukoll il-Festin ta' Tfal li ser jinżamm nhar 21 ta' Diċembru. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

### 33.6 Laqgħat, proġetti u inizjattivi mill-Assoċjazzjoni

1. L-Assoċjazzjoni intgħażet sabiex tkun parteċipi f' working Group tal-ALDA fuq l-imigrazzjoni. Ser tkun qed tattendi għal taħriġ is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' rappreżentant tal-FSWS sabiex imbgħad ikunu jistgħu jwasslu t-taħriġ fuq bażi lokali.
2. Il-President ikkomunika mar-Reġjuni proġett pilota fuq Sports li huwa kkommisjonat minn Kummissjoni Ewropea u CIVEX.
3. L-Assoċjazzjoni kellha laqgħa ma' ACR+ sabiex tara kif tista' tkompli twessa' l-kollaborazzjoni.
4. AICCRE Italia ġiet mistiedna l-Assoċjazzjoni sabiex ikun iffirmat MoU ta' kollaborazzjoni ma' diversi Assoċjazzjonijiet fuq livel interbazzjonali.
5. Sar workshop mill-MIEMA fuq proġetti li l-Kunsilli jistgħu jipparteċipaw fihom.
6. Semma li saret espressjoni ta' intress mill-Assoċjazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea sabiex ikun hemm working groups u job shadowing minn rappreżenatnti tal-Gvern Lokali mill-Ukrajina ġewwa Malta.
7. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni tattendi għal-laqgħa tal-Assoċjazzjonijiet ġewwa Strasburgu.
8. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tipparteċipa fl-MCAST Freshers week.
9. Semma li wara laqgħa mal-Wasteserv kienu intbgħatu l-calibration reports. Dawn għaddiet kopja tagħhom għand ir-reġjuni.
10. Semma li s-Segretarja kellha interview rigward supported employment għall-persuni b' diżabbilita'.
11. Semma li l-Assoċjazzjoni kellha laqgħa mal-ALDA u sottomettiet espressjoni ta' intress sabiex tkunparteċipi fi CERV Project sabiex jippromovi d-Drittijiet Fundamentali fuq Livell Ewropew.
12. Attendejna għall-Konferenza Annwali tal-Aġenzija Żgħażagħ u talbna sabiex nilatqgħu magħhom biex niddiskutu l-prijoritajiet għall-kollaborazzjoni aħjar.
13. WEBUYSOCIALEU huwa proġett ieħor li l-Assoċjazzjoni ntgħażlet sabiex tmexxi fuq livell lokali. Semma li ser issir seminar nhar 18 ta' Novembru.
14. Semma li intbgħatet ittra ta' kondoljanzi lill-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aħbar tal-mewt tal-l-Onor. Karl Gouder.
15. Semma li ħarġet sejħa mill-Assoċjazzjoni għal trainers li ser ikunu parti mill-proġett Green at You.
16. Qed jingħata taħriġ lill-istudenti tal-MCAST fuq IT skills.
17. Semma li ntbgħatet ukoll komunikazzjoni lid-Diviżjoni rigward il-poroċess tal-Board tal-Għażla għas-Segreatrji Eżekuttivi.
18. L-Assoċjazzjoni hija wkoll parti mill-Expert Group fi ħdan CEMR li qed jiddiskuti l-integrazzjoni solċjali.
19. L-Assoċjazzjoni irċiviet ittra ta; ringrazzjament mill-Assoċjazzjoni Ukrena ta' Summer Camp li kien organizzat.
20. ALDA ser jattendu Malta sabiex b' kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni ser ikun hemm jumejn ta' taħriġ fuq proġetti tal-Unjoni Ewropea.
21. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tieħu sehem fi proġett Resilient cities and sustainable future where youngsters discuss the future of their cities.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

22. Hemm skedata laqgħa mal-Assoċjazzjoni Ukrena peress li konna mitluba li niffirmaw MoU magħhom.
23. OPHSA qed titlob li jkun iffirmat Ftehim mal-Assoċjazzjoni.
24. L-Assoċjazzjoni ser tħallas il-Membership ta' CLGF.
25. Semma li għaddejja konsultazzjoni pubblika rigward l-istrateġija ta' attivitajiet fiżiċi 2025 – 2030.
26. Intbgħatet ċirkulari rigward l-iskema Vjal Kulħadd sabiex ninkoraġġixu li jkun implimentat l-proġett Slow Streets.
27. Ingħatjna l-opportunita' li niftħu cohort ma' RMIT EIT Urban Mobility Europe għal cohort ta' kors li jitratta Emerging Leaders. L-Eżekuttiv qabel li għandha tingħata opportunita' lil min irrid jipparteċipa.
28. Is-Segretarju Eżekuttiv lestiet it-taħriġ ma' RMIT Europe u li bħala parti mill-proġett il-parteċipanti jirdu jtellgħu workshop qat l-Smart City Expo 2024 ġewwa l-Barċellona. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun parti minn panel.
29. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiftaħ taħriġ fuq Sage għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.
30. Ser jinżamm workshop fuq Social Responsible Public Procurement nhar 18 ta' Novemebru 2024
31. Bdew kuntatti ma' Isola CERV li huwa forum li jaqgħad il-gżejjer. Semma li rappreżenatnti ser jiġu Malta lejn l-aħħar t' Ottubru.
32. Semma li bdew il-preparamenti għall-Ballu tal-Karnival 2025.
33. Semma li ser ikun estiż il-kuntratt tal-vetturi tal-uffiċju sal-aħħar tas-sena u wara jinġabru 3 kwotazzjonijiet sakemm ikun preparate it-tender.

**33.7 Aġġornament**

33.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 24 t' Ottubru 2024 fil-ħamsa ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 34 li nżammet nhar il-Ħamis, 24 t' Ottubru 2024.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**